# KWADRI TAL-QALB TA' ĠESÙ FIL-GŻEJJER MALTIN



**Mario Fenech**

Niltaqgħu ma' bosta kwadri li fihom ikun hemm ix-xbieha tal-Qalb ta` Ġesù fil-knejjes tagħna. Uħud minn dawn ikunu kwadri titulari fuq xi altar, oħrajn ikunu jew dawk li jissejħu sotto kwadri fuq l-altar jew ikunu f`postijiet oħrajn fil-knisja.

Sotto kwadru ta` valur artistiku interessanti huwa dak li hemm fuq wieħed mill-altari tal-knisja Parrokkjali ta` Santa Marija f`Hal-Għaxaq. Dan qiegħed fuq l-artal tal-agunija jew kif inhu magħruf, tal-Kurcifiss fil-kappellun tan-naħa tal-lemin tal-artal maġġur tal-knisja. Huwa xogħol tal-artist Rokku Buhagiar.



Dan l-artist Malti huwa magħruf sew għax-xogħlijiet sbieħ tiegħu. Għex bejn is-sena 1723 u s-sena 1805. Minbarra l-ħafna xogħlijiet li għamel f`numru ta` knejjes oħrajn kemm f`Malta kif ukoll f`Għawdex, f`din l-istess knisja ta` Hal-Għaxaq huwa pinġa wkoll il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' Sant`Andrija u San Nikola li lestieh fis-sena 1775, u sotto kwadru ieħor ta` Kristu Rxoxt li jinsab fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

Il-kwadru tal-Qalb ta` Ġesù kien tpoġġa fuq l-artal fis-sena 1781 minflok sotto kwadru ieħor li kien ta` Marija Adolorata b`Ġesu f`ħoġorha. Dan ix-xogħol kien hemm qabel, illum jinsab fis-sagristija tal-knisja.

Hemm xebh kbir bejn dan il-kwadru tal-Qalb ta` Ġesù u dak tal-artist Pompeo Batoni li jinsab f`Ruma. Il-figura ta` Ġesù hija waħda sabieħa ħafna, filwaqt li l-ħarsa ta` fuq il-wiċċ tiegħu hija ta` ħlewwa liema bħalha.

L-idejn l-artist pinġiehom ħerġin 'il quddiem fix-xena bħal qisu li Ġesù qiegħed jistiednek biex tersaq aktar viċin lejn il-Qalb Imqaddsa tiegħu. Fl-id il-leminija l-Feddej qiegħed iżomm qalb imdawwra b`kuruna tax-xewk, b`salib zgħir fuqha flimkien ma fjamma żgħira. Minn madwar din il-qalb tidher ħierġa dija b`raġġi ta` kulur abjad.

L-id ix-xellugija qiegħda tressaq lil dak li jkun quddiem dan il-kwadru biex jersaq lejn din il-Qalb ta` ħniena. Fl-istess id tidher il-marka tal-Pjaga tal-Passjoni. B`hekk huma tlieta s-simboli tal-Passjoni ta` Sidna Ġesù Kristu li jidhru f`dan il-kwadru. Dawn huma l-Kuruna tax-Xewk, is-Salib u waħda mill-Pjagi.

Kapacità kbira ta`dan l-artist li f'tila ta` daqs moderat għaraf iwassal tant messaġġi spiritwali b`dak li ħareġ mill-pniezel tiegħu.

Tassew għandna għaliex inkunu grati lejn dawk li ġew qabilna li għamlu minn kollox u b`tant sagrifiċċji biex fil-knejjes tagħna għandna dan il-patrimonju artistiku tant kbir.

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULLĦADD